MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1088/2003/1

**Yvette Galea f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' wliedha minuri Julian, Francesca u Peter ahwa Galea**

**v.**

**Philip Galea**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-21 ta' Ottubru, 2003, li taqra hekk:

“Premess illi l-kontendenti zzewwgu fil-11 ta’ Gunju, 1989 minn liema zwieg huma ghandhom tlett itfal, Julian ta’ tnax-il (12) sena, Francesca ta’ hdax-il sena u Peter ta’ seba’ (7) snin;

“Premess illi l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta’ mohqrija, eccessi u ngurji gravi b’mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta inkompattibbilita` ta’ karattru tant li l-istess zwieg tkisser b’mod irrimedjabbli;

“Premess illi bejn il-kontendenti hemm ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti;

“Premess illi inoltre d-dar matrimonjali nbniet fuq art li ghalkemm registrata f’isem il-konvenut u nxtrat qabel iz-zwieg, l-akkwist kien sar ukoll fl-interess tal-attrici u ghalhekk hija propjetarja ta’ nofs indiviz il-fond matrimonjali;

“Premess illi b’digriet moghti fit-28 ta’ Awwissu, 2003, is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi u prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:

“1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, mohqrija, eccessi u ngurji gravi imputabbli lill-konvenut u minhabba li z-zwieg tkisser b’mod irrimedjabbli;

“2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tassenja nofs kull wiehed minnha lill-partijiet.

“3. Tiddikjara li l-art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali Tal-Midra, Triq is-Swieqi, Swieqi giet akkwistata mill-konvenut anki fl-interess u bhala inkarigat tal-attrici, u ghalhekk hija propjetarja ta’ nofs indiviz tal-fond matrimonjali;

“4. Taqsam f’zewg porzjonijiet dak kollu li gie akkwistat flimkien mill-konjugi Galea qabel iz-zwieg wiehed lill-attrici u l-iehor lill-konvenut, bin-nomina ta’ perit iehor lill-konvenut, bin-nomina ta’ perit tekniku, u f’kaz li l-oggetti m’humiex kommodament divizibbli tordna l-bejgh bl-irkant tal-istess;

“5. Tikkundanna lill-konvenut jirristitwixxi l-oggetti kollha parafernali tal-attrici fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat permezz ta’ perit nominandi;

“6. Tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari hekk stabbilita mill-Qorti ghall-attrici u ghall-minuri Julian, Francesca u Peter ahwa Galea;

“7. Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri f’idejn l-attrici, bi dritt ta’ access lill-konvenut;

“8. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan fejn applikabbli;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“Illi hu jichad bil-qawwa illi huwa b’xi mod responsabbli ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg u jiddikjara illi hu ghadu lest illi jirrikoncilja ma’ martu meta din joghgobha, ghaliex jemmen illi ma tezisti l-ebda raguni gravi ghas-separazzjoni;

“Fl-istess waqt pero`, l-eccipjent ma jistax jaccetta l-allegazzjoni tal-attrici illi l-art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-art in kwistjoni hija art parafernali tal-eccipjent, u giet akkwistata unikament minnu. Kull allegazzjoni illi l-eccipjent akkwista l-art fuq inkariku u fl-interess tal-attrici hija infondata. L-attrici la ppartecipat fin-negozjati ghall-

akkwist tal-art, la dehret dehret fuq il-konvenju, la dehret fuq l-att finali, la offriet illi tikkontribwixxi sehemha mill-prezz tal-akkwist jew tal-bini tad-dar; fi ftit kliem ma ppartecipat bl-ebda mod fl-akkwist tal-art u fil-bini tad-dar. Ikkontribwiet biss ghat-*tlestija* tad-dar billi hallset cirka Lm7,000 fi spejjez, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Naturalment, l-attur dispost illi jhallas lil martu dan il-kreditu illi hu ghandu fil-konfront taghha;

“L-eccipjenti jzid illi hu dispost illi sakemm l-ahhar minn uliedu jiehu l-istat tieghu u jitlaq mid-dar proprjeta` tieghu, martu tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali u dan fl-interess principali tal-ulied li b’hekk jibqghu jghixu mal-genituri taghhom minghajr taqlib f’hajjithom;

“L-eccipjent jirrileva illi tezisti kawza cit. numru 1105/03 RCP, promossa mill-eccipjent kontra martu fuq l-istess mertu, appuntata ghas-6 ta’ Mejju, 2004.

“Salci eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-28 ta’ Ottubru, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort tal-konvenut;
“[2] tilqa’ t-tieni talba, billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; u tillikwidaha u tassenjaha fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’,
“[3] tilqa’ t-tielet talba, fit-termini taghha, filwaqt li tiddikjara li l-attrici hija proprjetarja ta’ nofs indiviz tal-fond ‘Tal-Midra’ Triq is-Swieqi, Swieqi;
“[4] tilqa’ r-raba’ talba, u tordna li d-dar matrimonjali tigi diviza kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Dar Matrimonjali’; u tordna li fi zmien sena millum il-partijiet jivvakaw id-dar konjugali;
“[5] tilqa’ il-hames talba, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
“[6] tilqa’ is-sitt talba limitatament kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

“[7] tilqa’ s-seba’ talba fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;
“[8] tichad it-tmien talba;

“L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“**L-Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut, stante li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, unikament imputabbli lill-konvenut.

“Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad dak allegat fil-konfront tieghu fl-att tac-citazzjoni, jsostni li ma hemmx ragunijiet gravi li jwasslu ghas-separazzjoni; izda permezz ta’ citazzjoni separata, anke hu talab is-separazzjoni personali minn ma’ martu ghall-istess ragunijiet attribwiti lilu.

“**Separazzjoni Personali**

“Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Gunju 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal, Julian, Francesca u Peter li twieldu rispettivament fl-14 ta’ Mejju 1991, fit-18 ta’ April 1992 u fl-20 ta’ Mejju 1996.

“Illi, ghalkemm esternament kien jidher li l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kienet wahda tajba, fil-fatt ma kinitx, u l-attrici kienet imdejqa fil-hajja li kienet qeda tghix mal-konvenut. L-inwkiet matrimonjali aggrava meta hi skopriet li l-kuntratt ta’ l-akkwist ta’ l-art li fuqha kienet mibnija d-dar matrimonjali kien hemm indikat isem il-konvenut biss bhala l-akkwirent ta’ l-art, meta hi kienet, sa minn qabel iz-zwieg hallset b’ mod regolari nofs ir-ripagamenti tas-self tad-dar, u kienet hallset ukoll ghal diversi xogholijiet li saru fid-dar.

"Illi, wara konvivenza ta' circa hmistax-il sena, l-attrici pprocediet ghas-separazzjoni personali.

"*Verzjoni Attrici*

"Illi l-attrici spjegat fid-dettal dak li kien idejjaqha tul-hajja matrimonjali mal-konvenut. Tghid, kif jumejn wara z-zwieg, meta hi kienet issugeriet lill-konvenut sabiex johrogu flimkien, dan kien qallha "Mur ghamel hajtek u lili toqghodx iddejjaqni."[1] F' dik l-okkazzjoni kien qallha li "l-hajja mizzewga ma tfissirx li rridu naghmlu kollox flimkien ghax inkella nibdew niddejqu minn xulxin."

"Illi l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu, u sussegwentement, ta' uliedu kien rifless ta' din il-fehema tal-konvenut fuq il-hajja matrimonjali. L-attrici tirrakkonta kif, matul il-konvivenza, hu kien iffokat, b' mod sproprozjonat, fuq ix-xoghol tieghu, u fuq id-diversi hobbies li kellu, u tghid li kien johrog ghax-xoghol fil-5.45 am, u ghalkemm jispicca mix-xoghol ghal habta ta' l-4.30 pm, huwa kien jirritorna lura d-dar tard fil-ghaxija, gieghli anke fl-10.00 pm. Tghid li kien jittraskura lilha u lil uliedhom, u l-piz tal-familja kien necessarjament waqa' kollu fuqha, u li kienet tmexxi bl-ghajnuna attiva tal-genituri taghha. Ma kellha ebda ghajnuna minnu. Il-konvenut kien egojst hafna u kien maghluq fic-cirku tieghu b' mod li kien iddistakka ruhu mill-hajja ta' l-attrici u ta' uliedhom.

"Illi ghalkemm hija kienet tilmenta mieghu li hu ma kienx qed ikun id-dar biex ikollu hin ghal mal-familja, huwa ma kienx jghati kaz. L-attrici tispjega li "fiz-zwieg ftit li xejn nista' nghid li kelli kuntentizza …. Jiena kont nurih [lill-konvenut] li m' hinix kuntenta bil-mod kif konna qedin nghixu, u dan bit-tama li jbiddel l-attitudini tieghu lejn il-hajja mizzewga. Pero' Philip ma riedx jaf. Jiena ridt li nqatta' hin ma zewgi u nsiru nafu lil xulxin."[2]

[1] Vol.1 – fol.64
[2] Vol.1 – fol.66

"Tirrakkonta kif il-konvenut kien maz-zmien jitlef il-pacenzja malajr;  u li "kont bdejt nibza' minnu, aktar u aktar ghaliex huwa dilettant ta' l-armi [fil-fatt ghandu skieken u anke armi tan-nar]…… Kien hemm zmien meta Philip kien jorqod b' wahda mis-skieken li ghandu taht l-imhadda.  Jiena kont noggezzjoni ghal dan il-fatt, u fl-ahhar nehhiha…… Philip huwa dilettant kbir ta' l-arti marzjali, gwerer, Nazzizmu."[3]

"Huwa kien insensittiv fil-konfront taghha, u ssemmi li f' okkazjonijiet huwa kien akkuzaha, anke quddiem it-tfal, li hija kienet daret l-irgiel kollha tal-kumpanija fejn tahdem, inkluz l-imghallem. Tghid li din hija wahda minn tant akkuzi li kien jaghmlilha.

"Kien insensittiv, ghall-bzonnijiet taghha, u anke ta' uliedhom, u tirrakkonta kif wara operazzjoni li ghamlet f' Marzu 1994, fuq parir mediku, hija kellha bzonn taghmel izjed ezercizju; u, ghalhekk fuq suggeriment ta' l-istess konvenut, hija bdiet tohrog timxi ma' Elizabeth Seguna, ex studentessa taghha tal-muzika, li kienet ukoll habiba tal-konvenut. L-attrici tispjega, li huma kienu johrogu tlett darbiet fil-gimgha ghal passeggjata ta' l-ezercizju, u kienu johorgu ghal habta tat-8.30 pm wara li tkun raqdet lit-tfal. Tispjega li kienet tohrog f' dak il-hin ghax ma kienx ikollha cans iehor, peress li ma riditx li thalli t-tfal wahedhom.

"Eventwalment l-attrici bdiet tiftah qalbha ma' din il-habiba taghhom, u il-hrug kien sar izjed spiss;  izda din kienet semplici hbiberija, u r-relazzjoni wahda platonika, kif anke l-istess konvenut jammetti.

"Tghid li meta dawn kienu marru Ghawdex flimkien, dan kien ghal habta ta' Novembru 2001 "meta jiena kont wasal fi stat li ma stajtx niflah is-sitwazzjoni aktar, u kont ser nitlaq mid-dar."[4]

"Tghid li anke mill-att finanzjarju il-konvenut kien xhih maghha, u ghalkemm huwa kellu xoghol regolari u tajjeb

[3] Vol.1 – fol.73
[4] Vol.1 – fol.181

mal-kumpanija ta' missieru, hafna mill-ispejjez kellha taghmilhom hi mill-introjtu part-time li kienet taqla' mit-taghlim tal-muzika.

"Illi l-egojzmu qawwi tal-konvenut, li fil-hajja mizzewga ried li jkompli jghix kif kien jghix qabel, minghajr ma jaghti kaz tal-bzonnijiet ta' martu u ta' uliedu, basta jkun moqdi hu, wassal sabiex l-attrici ma flehitx tissaport aktar fil-konvivenza matrimonjali mieghu; multo magis, meta skopriet li kien dahaq biha anke waqt l-gherusija fl-akkwist tal-art kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

"*Verzjoni Konvenut*

"Illi dan minn naha tieghu ma jichadx dak li allegat fil-konfront tieghu l-attrici fl-affidavit taghha, u jsostni li l-inkwiet beda fis-sena 2000 meta martu bdiet tohrog ma' Elizabeth Seguna.

"Il-konvenut jghid li sa dak iz-zmien "il-hajja mizzewga taghna kienet wahda felici hafna …… Yvette dejjem gabet ruhha ta' omm bil-ghaqal u ezemplari, u rabbiet t-tfal b' dedikazzjoni. Il-hajja mizzewga kienet rutina ta' bilanc bejn il-familja, id-dar, ix-xoghol u d-delizzji tieghi u taghha.."[5] Fix-xhieda tieghu jirribadixxi li martu "dejjem hadmet peress li hi bil-ghaqal."[6]

"Jghid li, meta martu u l-imsemmija Seguna bdew johorgu flimkien, huwa kien hass li martu kienet qed twarrbu, u fuq hekk kien jispiccaw jargumetaw. Jghid li "dawn bdew johorgu flimkien ta' spiss, idoqqu l-pjanu flimkien, imorru weekends Ghawdex flimkien imorru films flimkien etc." [7] Fix-xhieda tieghu jikkjarifika li hu kien iqis din il-hbiberija, bhala "zejda izda platonika."[8] u jammetti li kien hu li kien issugerixxa lil martu biex tmur timxi ma' Elizabeth Seguna.[9]

---

[5] Vol.1 – fol.140
[6] Cit-1105/03 – Vol.1 – fol.82
[7] Vol.1 – fol. 132
[8] Cit.1105/03 – Vol.1 – fol.83
[9] Cit.1105/03 – Vol.1 f fol.84

"Huwa jtenni li hu ma jixtieqx jissepara minn ma' martu u li "il-mira tieghi hija din: li nirrangaw u nirritornaw ghall-hajja mizzewga sewwa."[10]

"Illi mhux il-konvenut biss iddikjara li l-attrici hija mara bil-ghaqal u li matul il-konvivenza kienet ezemplari u rabbiet it-tfal b' dedikazzjoni; izda anke missier l-istess konvenut, li jghid: "Jiena sa ftit xhur ilu naf lil Yvette bhala tifla mill-aqwa, ta' spiss [tigi] d-dar ghandna bit-tfal, iddur mal-mara tieghi, u tghix hajja li, fl-opinjoni tieghi, kienet ukoll ezemplari. Trabbi t-tfal sewwa, u lilna dejjem urietna rispett."[11]

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi fil-fehema ta' din il-Qorti l-kawza li wasslet ghas-separazzjoni bejn il-partijiet kien il-komportament egojst u nsensittiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, u anke ta' uliedu.

"Huwa minnu li l-konvenut huwa bniedem habrieki hafna u li jahdem sieghat twal, u wkoll ghandu hafna mpenji li jzommuh barra mid-dar u li dan, f' cirkostanzi fejn wiehed ma jkunx mizzewweg, huwa pozittiv hafna; izda meta ddecieda li jidhol ghall-hajja ta' zwieg, huwa ma setghax, la legalment u lanqas moralment, jibqa' ghaddej b' dik il-hajja a skapitu ta' l-impenji tieghu kemm bhala ragel mizzewweg, kif ukoll bhala missier. Fiz-zwieg il-prioritajiet tieghu kellhom jinqallbu fis-sens li l-ewwel kellha tigi l-familja tieghu, allura martu u uliedu, u sussegwentement id-delizzji li kellu.

"Jidher li dan il-konvenut ma fehemux, u, ghalkemm huwa dahal ghall-istat taz-zwieg, xorta wahda baqa' bl-istess stil ta' hajja, bir-rizultat li ma kienx jghati hin bizzejjed lil martu li allura kienet taghmel hafna hin wahedha minghajr zewgha, inkluz il-Hadd, bil-piz kollu tat-trobbija tat-tfal jaqa' kollu fuqu.

[10] Vol.1 – fol.133
[11] Vol.1 – fol.166

"Minn dak li qalet l-attrici, mhux kontraddett mill-konvenut, jirrizulta li matul il-konvivenza matrimonjali, dan kien wera egojizmu qawwi fil-konfront taghha, u kien insensittiv ghall-bzonnijiet u xewqat ta'martu li jidher car li riedet tqatta' hin mieghu bhala zewgha.

"L-artikolu 2 [2] tal-Kodici Civili jghid f' termini cari li "Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment."[12] Jinghad ukoll li l-gurisprudenza tqis iz-zwieg bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Ghalhekk huwa car li l-partecipazzjoni tal-konjugi fil-hajja konjugali m'ghandhiex tkun limitata ghall-appogg finanzjarju u ghall-fatt tal-prokreazzjoni, izda z-zewg konjugi ghandhom jappoggjaw lil xulxin anke moralment.

"Fil-kaz in dizamina, jirrizulta li l-konvenut, bil-komportament egojist tieghu, abitwali, fil-konfront ta' martu u ta' uliedu, kien wassal sabiex irrenda l-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghall-attrici li allura sabet svog fil-hbiberija li kellha ma' Elizabeth Seguna, konsegwenza ta' l-imgieba hazina da parti tal-konvenut tul is-snin tal-konvivenza. Dan il-komportament tieghu jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini ta'-l-artikolu 40, ghax il-karenza manifesta ta' affezzjoni u l-bruda da parti ta' konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor, fuq certu tul taz-zmien, jikkostitwixxi mohqrija u sevizzi fil-konfront ta' dan il-konjugi, ghax jirrendi l-konvivenza matrimonjali nsapportabbli. Kien proprju dan l-atteggjament tal-konvenut li kien irrenda lill-attrici mdejqa matul il-konvivenza, u li eventwalment wassal, wara hmistax-il sena, ghas-separazzjoni.

"Minn naha ta' l-attrici, din il-Qorti, ma tirravviza xejn censurabbli. Kif ammess mill-istess konvenut, u konfermat minn missieru, l-attrici hija mara bil-ghaqal ezemplari, li rabbiet lit-tfal b' dedikazzjoni. Rigward l-

[12] Sottolinear tal-Qorti

allegazzjoni tal-konvenut li martu kienet issostitwiet lilu bil-habiba taghha, il-Qorti tosserva li dan mhuwiex sostnut mill-provi, anzi huwa kontradett minnhom. L-attrici cahdet din l-allegazzjoni, u spjegat x' wassal sabiex hi tibda u tkompli bil-hbiberija ma' Elizabeth Seguna: kien l-istess konvenut li, minflok impenja ruhu hu li johrog lil martu ghall-ezercizju, f' xi hin tal-gurnata, kien issuggerixxa li din tohrog mal-habiba taghhom. Kien proprju l-bruda emozzjonali da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici li wassal sabiex martu tibni l-hbiberija ma' Elizabeth Seguna, liema hbiberija, huwa pacifiku, kienet wahda platonika u ntiza biss, sabiex l-attrici taghmel ezercizju, u wkoll taghmel tajjeb ghan-nuqqas da parti tal-konvenut.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, minhabba sevizzi u ngurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap, precitat. Izda l-Qorti thoss li c-cirkostanzi ma jimmeritawx l-applikazzjoni, lanqas in parte, ta' l-artikolu 48 ta' l-istess Kap.

"**Kura u Kustodja**

"Illi llum-il gurnata dan il-kap jikkoncerna biss lil minuri E li ghad ghandu erbatax-il sena, peress li twieled fl-20 ta' Mejju 1996; filwaqt li hutu l-kbar illum huma maggjorenni.

"Illi ma hemmx dubju li, fl-interess ta' l-istess minuri, dana ghandu jibqa' jghix ma' ommu l-attrici, b' access liberu favur missieru, il-konvenut.

"*Dar Matrimonjali – 'Tal-Midra' Triq is-Swieqi, Swieqi*

"Illi bla dubju ta' xejn din tikkostitwixxi s-suggett principali tal-kontestazzjonijiet bejn il-partijiet. L-attrici ssostni li din tappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs, filwaqt li l-konvenut isostni li din hija proprjeta' tieghu parafernali, u li l-attrici ghandha biss kreditu fl-ammont ta' €17,639 [ekwivalenti ghal LM7,572.20] li huwa lest li jhallas lill-attrici.

"Il-fatti relevanti huma dawn:

"Illi fiz-zmien li l-partijiet kienu johorgu flimkien, giet identifikata bicca art fis-Swieqi minn missier il-konvenut, u gie deciz li tinxtara din l-art sabiex fuqha tinbeda d-dar matrimonjali tal-partijiet bis-sahha ta' self li l-kumpanija Culiat, proprjeta' ta' missier-il konvenut, kienet ser tghaddi lill-konvenut.

"Ghalhekk permezz ta' kuntrattat[13] ta' self u komprovendita ippubblikat fit-3 ta' Gunju 1986, li ghalih deher il-konvenut biss bhala l-akkwirent, l-imsemmija kumpanija selfet lill-konvenut is-somma ta' LM27,000 "out of which three thousand nine hundred pounds [LM3,900] are to be used to purchase a plot of land at Swieqi … whilst the balance of twenty three thousand one hundred lira [LM23,100] will be utilised for the construction and the completion of works of the house to be built on the hereinmentioned plot of land.." fl-istess att sar l-akkwist tal-plot.

"Minn dan jirrizulta car li s-self kien ikopri, mhux biss ix-xiri ta' l-art, imma anke l-kostruzzjoni u tlestija tad-dar.

"Illi jirrizulta pacifiku li mit-2 ta' Lulju 1987, u allura qabel iz-zwieg, l-attrici bdiet thallas b' mod regolari nofs il-loan maghmula mill-kumpanija Culiat, u baqghet thallas dan in-nofs sakemm, wara z-zwieg missier il-konvenut hafrilhom il-bilanc tad-dejn. B' kollox, sad-data taz-zwieg kienet ghamlet 24 pagament.[14] Hija, ukoll qabel iz-zwieg, hallset ukoll ghal diversi xogholijet konnessi mad-dar, u li ammontaw ghas-somma komplessiva ta' LM5,881. Dawn ix-xogholijiet fil maggjor parti taghhom kienu accessorji ghal bini, bhal plastering, madum, tiles, aluminium u bibien.[15]

"*Verzjoni Attrici*

[13] Vol.1 – fols.48 *et seq.* – sottolinear tal-Qorti
[14] Vol.1 – Dok.E3 – fol.160
[15] Vol.1 – Dok.AA2 – fol.89

"Illi l-attrici tghid li "Qisu sitt xhur wara li bdejt nohrog ma' Philip, huwa ppropona z-zwieg. Jien accettajt. Bdejna nfaddlu u nfittxu biex nixtru d-dar lesta. ….. Il-ftehim li kellna kien li d-dar nixtruha flimkienu nhallsuha ftit ftit bejnietna. Kemm-il darba ddiskutejna l-mod kif konna ser niffinanzjaw ix-xiri."[16] Eventwalment il-konvenut identifika bicca art fi Swieqi, vicin id-dar tal-genituri tieghu, u li kien thajjar li jixtriha. Fil-fatt kien insista ma' l-attrici li huma jixtru din il-plot, u kien qallha li missieru kien ser jsellifhom il-flus biex jibnuha.

"L-attrici tghid li, ghalkemm l-art ma kinitx toghgobha, "fl-ahhar cedejt. Ladarba ……. Philip kien qalli biex inhalli kollox f' idejh u missieru ghaliex kien jifhem hafna u kellu esperjenza. Dak iz-zmien kien ghad ghandi 19-il sena, u kollox kien gdid ghalija. Jiena hallejt f' idejn Philip ghaliex kont nafdah b' ghajnejja maghluqa, u ma kelli l-ebda raguni ghalfejn kelli niddubitha. Jiena qatt ma kont ghamilt negozju u emmint li F ser jiehu hsieb kollox f'isem it-tnejn li ahna…… Nerga' ntenni li l-ftehim kien li l-proprjeta' tinxtara minnha t-tnejn u nhallsuha flimkien, u Philip [bl-ghajnuna ta' missieru] kien ser jiehu hsieb l-affarijiet ghalina t-tnejn."[17] Fix-xhieda taghha tghid li "Jiena kont staqsejtu [lill-konvenut] jekk kienx hemm bzonn li nkun hemm; u hu qalli li le, ghax huma [Philip u missieru] kienu nies ta' esperjenza."[18] Hija tirribadixxi li kienet tafda lill-konvenut.

"Wara li kien sar il-kuntratt il-konvenut gharraf lill-attrici li setghu jibdew jibnu d-dar, u li "missieru kien selifna l-flus, u Philip qalli li ta' kull xahar kellna nhallsu LM105.70 li minnhom jien kelli nhallas LM52.80. Fil-fatt kull xahar jiena kont inhallas sehemi dejjem bil-fehema li d-dar hija taghna t-tnejn."[19]

"Tghid, li wara z-zwieg hi kienet ghamlet perijodu b' zewg impiegi u baqghet taghti l-kontribut taghha, sakemm darba l-konvenut informaha li missieru kien hafrilhom d-dejn li

[16] Vol.1 fol.61
[17] Vol.1 – fol.62 – sottolinear tal-qorti
[18] Cit-1105/03 – Vol.1 – fol.92
[19] Vol.1 – fol.63

kellhom fuq id-dar. Fix-xhieda taghha tghid li l-konvenut qallha hekk: “Ghandi ahbar tajba – Missieri hafrilna d-dejn.”[20]

“*Verzjoni Konvenut*

“Dan jghid li “meta xtrajna l-plot konna fi triq ghaz-zwieg……..Jien xtrajt il-proprjeta’ ghax kont ghaz-zwieg………is-self li ghamel missieri fuq din il-proprjeta’ kien jithallas minni u minn Yvette”[21]. Huwa jghid li “mis-self li hadt minghand missieri thallas il-gran parti tax-xiri u xogholijiet tal-bini. Imbaghad Yvette ghamlet kontribuzzjonijiet ghall-finishing……..Bhala flus ma nahsibx li hrigt daqsha ghax hi ghamlet il-bathrooms u tibjid fost furnishing orhajn. Il-loan lil missieri ma thallasx kollu ghax hu kien haferhieli, u b’ dan il-fatt jien kont infurmajt lil Yvette li <u>hafrilna</u> l-loan.”[22] Jghid li, qabel ma xtara l-plot, huwa kien informa lill-attrici li missieru kien ser “jisellifni l-flus ghalih … wara li nxtrat il-plot …. Jien ghidt lil Yvette li kellna nhallsu jidhirli circa LM105.30 fix-xahar u li konna ha nhallsuhom bin-nifs.”[23] Jghid ukoll: “Yvette kienet thallas fil-loan daqs kemm kont inhallas jien, ghax kienet l-gharusa tieghi.”[24]

“Fix-xhieda tieghu jghid li ma jiftakarx jekk Yvette kinitx ikkontribwiet ghall-purchase price ta’ l-art, xi LM3,900. Jghid li hu ma jafx il-ligi, u kien jahseb li fiz-zwieg kollox isir taz-zewg partijiet 50/50, u ghalhekk kien jahseb li d-dar tappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti wgwali. Jghid: “Jiena sirt naf li d-dar fejn noqghod hija tieghi personali biss wara li rcevejt l-ewwel ittra minghand Dr.Anthony Ellul u l-Avukat tieghu spjegali l-ligi.”[25]

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi din il-Qorti tikkunsidera l-verzjoni moghtija mill-attrici aktar verosimili u aktar konfacenti mal-provi, minn dik

[20] Cit.1105/ 03 – fol.96
[21] Cit.1105/03 – fol.77
[22] Cit.1105/03 – fol.77 – sottolinear tal-qorti
[23] Ibid
[24] Ibid – fol.78
[25] Cit.1105/03 – fol.86 tergo

moghtija mill-konvenut;  di piu, din il-verzjoni ssib konfort ukoll f' partijiet mix-xhieda ta' l-istess konvenut.

"Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehema li jirrizulta sodisfacentement provat li qabel ma sar il-kuntratt tas-self u akkwist ta'l-art, il-partijiet kienu ftehmu li l-art li kienet ser tigi akkwistata kienet ser tigi akkwistata mit-tnejn, sabiex fuqha tinbena d-dar matrimonjali tat-tnejn, u li, kemm ix-xiri ta' l-art, kif ukoll il-bini tad-dar kien ser isir permezz ta' self li ghalih kellhom jaghmlu tajjeb it-tnejn ugwalment.

"Dan johrog car mill-fatt li, malli sar il-kuntratt, u l-kumpanija Culiat ghamlet is-self, u allura minn qabel iz-zwieg, l-attrici bdiet thallas <u>regolarment</u> <u>nofs</u> ir-ripagamenti tal-loan, u damet thallas sehemha sakemm il-konvenut informa li missieru kien "hafrilna" il-bilanc.  Barra minnhekk, dejjem qabel iz-zwieg, hija kienet hallset ghal xogholijiet li saru fid-dar, u li jammontaw komplessivament ghal somma li fiz-zmien it-tmeninijiet, kienet wahda sostanzjali, u li dawn ix-xogholijiet kienu tali li jakkrexxu mal-immobbli.  Dan ma kienx jaghmel sens li kieku l-attrici ma kinitx konvinta li d-dar kienet giet akkwistata f' isimha wkoll, u li dan seta' jsir biss bi ftehim bejn iz-zewg partijiet pre ordinat ghall-kuntratt.

"Illi l-fatt li l-attrici la hadet parti fin-negozjati, la dehret fil-konvenju, u lanqas dehret fil-kuntratt ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, ghax il-provi juru li hi ma kinitx dehret ghax il-konvenut kien qallha li ma kienx hemm bzonn li tidher u li kellha thalli f' idejh u f' idejn missieru li kienu nies tan-negozju;  ukoll, u senjatament, hija ma kinitx dehret proprju ghax kien hemm il-ftehim bejn il-partijiet li hu  jidher ghaliha wkoll.  Kien ghalhekk li, hi, sussegwenti ghall-kuntratt, ma sabet ebda oggezzjoni li thallas nofs il-loan, u wkoll ghal diversi xogholijiiet, qabel iz-zwieg.

"In fine jigi osservat li, kuntrarjament ghal dak li l-konvenut sostna fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fis-sens li l-attrici semplicement "ikkontribwiet biss ghat-tlestija tad-dar", il-provi dokumentali juru l-kuntrarju.  L-kuntratt fuq indikat jghid espressament li s-self kien qed isir kemm sabiex <u>tinxtara</u> l-art kif ukoll sabiex <u>tinbena</u> d-dar, u ghalhekk

meta l-attrici bdiet thallas nofs il-loan, hija kienet qed thallas nofs dawk il-flus li ntuzaw, mhux biss biex tinbena d-dar, izda anke biex inxtrat l-art.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li meta l-konvenut deher fuq il-kuntratt ippubblikat fit-3 ta’ Gunju 1986 huwa deher ghan-nom tieghu proprju kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta’ l-attrici, u dana, in forza ta’ mandat moghti mill-attrici lill-konvenut naxxenti minn ftehim express bejniethom. Ghalhekk id-dar bl-isem ‘Tal-Midra’ Triq is-Swieqi, Swieqi hija proprjeta’ taz-zewg partijiet fi kwota ta’ nofs indiviz kull wiehed.

“*Divizjoni*

“Konformament mal-premess, jekk il-partijiet ma jiftehmux dwar il-valur prezenti ta-dar illum, il-Qorti qed tinnomina lill-perit arkitett AIC Mario Cassar bhala perit gudizzjarju ghal dan l-iskop sabiex jaghmel stima tal-valur tad-dar illum; ukoll, qed tinnomina lill-istess perit sabiex jirrelata dwar jekk il-fond huwiex komodament divizibbli f’ zewg porzjonijiet ugwali, u f’ kaz li hu hekk divizibbli, il-fond ghandu jigi diviz f’ zewg porzjonijiet ugwali fil-valur, li ghandhom jigu assenjat lill-partijiet permezz tax-xorti; jekk mill-banda l-ohra l-fond ma jkunx komodament divizibbli, tordna li, fiz-zmien sena millum id-dar tinbigh fuq is-suq hieles bi ftehim bejn il-partijiet, wara liema perijodu d-dar tinbigh that l-awtorita’ tal-Qorti, ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak stabbilit mill-imsemmi perit; u wara li tinbigh id-dar, ir-rikavat jinqasam b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

“**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

“Mobbli ezistenti fid-dar konjugali – Illi annessi man-nota guramentata taghhom il-partijiet ipprezentaw listi ta’ oggetti mobbli, ezistenti fid-dar konjugali; u li, filwaqt li uhud minn dawn l-oggetti gew indikati bhala proprjeta’ parafernali tal-partijiet rispettivi, il-kumplament huma assi tal-komunjoni.

"Illi l-listi prezentati mill-attrici huma d-dokument B a fols.31sa 36 tal-process, u dawk prezentati mill-konvenut huma d-dokument PG a fols.44 sa 51 tal-process, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici A u B].

"Illi in propozitu l-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali li, filwaqt li qabblet li l-mobbli ndikati mill-attrici fil-lista tan-naha tal-lemin tad-dokument B a fol.31 ghandhom jigu konsidrati bhala proprjeta' parafernali taghha, stante li ngiebu provi dokumentali in sostenn; il-perit legali cahdet il-pretensjoni tal-konvenut li l-oggetti ndikati minnu fil-lista PG a fols.44 sa 46 huma proprjeta' parafernali tieghu, u dan, stante li ma ngabux provi in sostenn ta' dak allegat minnu, ghajr ghax-xhieda tieghu.

"Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li, stante li l-konvenut ma gab ebda prova, ghajr ghax-xhieda tieghu, dwar il-fatt sostnut minnu li l-oggetti ndikati fid-dokument Pga fols.44 sa 46 huma parafernali tieghu, allura dawn ghandhom jigu konsdirati bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Jigi osservat li, min jallega jrid jipprova dak allegat minnu, multo magis f'kaz ta' kontestazzjoni, u ghalhekk kien l-oneru tal-konvenut li jipprova, kif ghamlet l-attrici, li l-oggetti ndikati fl-imsemmija lista huma parafernali tieghu.

"Ghaldaqstant tordna li, filwaqt li l-oggetti ndikati fil-lista a fol.31 jigu mghoddija lill-partijiet rispettivi bhala proprjeta' parafernali taghhom, il-kumplament ta' l-oggetti, indikati a fols.32 sa 36, ghandhom jitqiesu bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghalhekk ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet b' mod ugwali. In propozitu l-Qorti tordna li dawn l-oggetti, jew jinqassmu, bi ftehim bejn il-partijiet; jew, fin-nuqqas ta' ftehim, jinbighu meta tinbigh id-dar, fuq is-suq hieles jew taht l-awtorita' tal-Qorti, wara li jigu stmati mill-istimatur Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

"*Kontijiet Bankarji*

"Dawn huma ndikati mill-perit legali fir-relazzjoni taghha, u senjatament a fol. 304; u l-Qorti taqbel li l-bilanci fil-kont savings u l-kont kurrent bin-numri rispettivi, 024059138 u 002006062050, mal-HSBC, f' isem il-konvenut, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; filwaqt li l-kontijiet fil-Bank of Valletta, fuq isem it-tfal tal-partijiet, ghandhom ikomplu jigu amministrati mill-partijiet sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena meta allura dawn il-kontijiet jirrivertu fuq isem it-tfal.

"Ghalhekk tordna li l-kontijiet bankarji fuq imsemmija jigu assenjati kif fuq indikat.

"*Vetturi*

"Illi anke f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali; u konformament tordna li l-vettura Vauxhall Nova BBD uzata mill-attrici tigi assenjata fl-intier taghha lill-istess attrici; filwaqt li l-vettura Volkswagen Golf uzata mill-konvenut tigi assenjata lilu fl-intier taghha.

"**Manteniment**

"Illi mehuda c-cirkostanzi kollha, kemm dwar il-mezzi tal-partijiet, u l-bzonnijiet tal-minuri Peter, il-Qorti tikkunsidera gust li, l-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghal dan il-minuri s-somma mensili ta' €350 [ekwivalenti ghal LM150], oltre l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u ma' l-edukazzjoni tieghu, inkluzi trasport, uniformi, stationery [computer komplut], u attivitajiet extra kurrikulari, kontra d-debiti fatturi jew ricevuti, u dan, sakemm it-tifel isir maggjorenni. Minn naha taghha l-attrici ghandha l-oneru tal-kura u kustodja tal-minuri, u qed tghati l-kontribut taghha f' dan ir-rigward b' dan il-mod.

"Illi rigward l-attrici, il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement li din tbati minn xi kondizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera ntrojtu ghaliha; u, ghalhekk, din il-Qorti, filwaqt li tafferma d-dritt ta' l-attrici li, fil-kaz li nvolontarjament din tisfa' minghajr mezzi adegwati ghal-ghejxien taghha, titlob manteniment minghand il-konvenut bhala l-parti hati tas-separazzjoni;

izda rebus sic stantibus mhux qed jigi fissat manteniment ghaliha, stante li l-attrici hi kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha sabiex wara li tikkonferma s-sentenza in kwantu: iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet; xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u cahdet it-tmien talba tal-appellata; tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li biha ddecidiet li:

Htija tas-separazzjoni hija tal-appellant;

L-oggetti parafernali tal-appellant ghandhom jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

L-appellata hija proprjetarja ta’ nofs indiviz tal-fond tal-Midra, Triq is-Swieqi, Swieqi;

Id-dar matrimonjali ghandha tigi diviza kif ahjar stabbilit fis-sezzjoni intestata ‘Dar Matrimonjali’ u ordnat li fi zmien sena mid-data tal-istess sentenza l-partijiet jivvakaw d-dar matrimonjali;

Affermat id-dritt tal-appellata li f’kaz li involontarjament din tisfa minghajr mezzi adegwati ghall-ghixien taghha, titlob manteniment minghand il-konvenut bhala l-parti hati tas-separazzjoni;

L-ammont ta’ manteniment pagabbli lill-attrici ghall-minuri ghandu jizdied sostanzjalment u cioe` minn 155 euro mensili ghal 350 euro mensili oltre l-ispejjez kollha tas-sahha u tal-edukazzjoni inkluz trasport, uniformijiet, stationery, (computer komplut), u attivitajiet extra-kurrikulari; u

Li l-ispejjez ikunu a karigu tal-appellant;

U mill-bqija tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kontra l-appellata, u dan

skont dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex l-aggravji kollha mressqa mill-appellant jigu michuda u sabiex is-sentenza appellata tigi konfermata kollha kemm hi, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza numru 1105/03 fl-ismijiet inversi u li titratta l-istess meritu tal-kawza odjerna, u li f'dik il-kawza l-konvenut , allura attur, qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' l-attrici, allura konvenuta, stante li "il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi u ngurji gravi da parti tal-konvenuta [martu], u billi l-konvenuta warrbet lil zewgha ghal persuna jew persuni ohra". Min-naha taghha l-konvenuta fid-dikjarazzjoni guramentata taghha tafferma li mhuwiex minnu li hi "warrbet lil zewgha u ssostitwietu bil-hbieb. Din hija biss skuza tal-attur biex jipprova jiskolpa ruhu".

Rat li dik il-kawza l-ohra giet deciza mill-ewwel Qorti fl-istess jum bhal kawza odjerna, bl-ewwel Qorti taghmel referenza, ghal dawk li huma konsiderazzjonijiet, ghall-motivazzjonijiet taghha f'din il-kawza. Il-konvenut Philip Galea, attur f'dik il-kawza l-ohra, ressaq ukoll appell kontra dik is-sentenza tal-ewwel Qorti, u l-aggravji kollha ta' Philip Galea appellanti sejrin jigu trattati f'din il-kawza li hija l-kawza principali li giet trattata bejn il-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet f'din il-kawza izzewwgu fil-11 ta' Gunju, 1989, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, li minnhom wiehed biss, Peter, ghadu minuri u ghandu hmistax-il sena. Wara li l-partijiet damu jghixu flimkien circa hmistax-il sena, ipprocedew ghas-separazzjoni personali bit-tnejn jitfghu l-

htija tal-istess fuq il-parti l-ohra. L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi (pjuttost voluminuzi) li ressqu l-partijiet, tat is-sentenza taghha u ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet bi htijiet attribwibbli lill-konvenut appellant; il-Qorti pprocediet biex tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti allura vigenti bejn il-konjugi, u pprovdiet ghall-qasma tal-istess, ghall-kura u l-kustodja tal-minuri u ghall-hlas ta' manteniment.

Illi, kif inghad, ir-ragel intavola appell kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti u qed jitlob ir-riforma tas-sentenzi moghtija mill-ewwel Qorti. Hu mhux qed jappella mid-decizjoni fejn giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u lanqas ma hu qed jappella mid-decizjoni fejn giet xolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti. Ir-ragel pero`, qed jissottometti li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fid-decizjonijiet li hadet fir-rigward:

1) tal-htija ta' separazzjoni attribwita lilu;

2) tal-kura u kustodja moghtija lill-appellata;

3) tad-dar matrimonjali l-fond 'Tal-Midra', Triq is-Swieqi, Swieqi stante li gie deciz u ddikjarat li l-attrici hija proprjetarja ta' nofs indiviz taghha u din ghandha tigi diviza u li fi zmien sena l-partijiet jivvakaw id-dar matrimonjali;

4) tad-divizjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

5) tal-manteniment dovut;

6) spejjez ghal din il-kawza.

Trattat l-aggravju marbut mar-raguni ghas-separazzjoni din il-Qorti tara li, fil-qosor, il-mara qed titfa' t-tort fuq ir-ragel peress li dan ma kienx juri hegga lejn il-familja u kien aktar jaghti kaz tax-xoghol u n-namriet tieghu milli lil martu u l-uliedu, filwaqt li r-ragel jitfa' t-tort fuq il-mara li, wara tul ta' zmien, qabdet hbiberija ma' certa Elizabeth Seguna, u aktar bdiet tqatta' zmien mal-habiba milli mieghu. Biex jigi evitat malintiz, tajjeb li jigi carat mill-bidu

li dwar din il-hbiberija bejn il-mara u Elizabeth Seguna, ir-ragel stess jiddiskriviha bhala “platonika”, u mhux qed jallega li din il-hbiberija kienet aktar minn daqshekk.

Din il-Qorti tara li l-materja tirriduci ruhha f’wahda ta’ apprezzament tal-provi, u filwaqt li l-maggor parti minn dawn ingabru minn perit legali, mahtura mill-Qorti biex tassistiha fil-gbir tal-provi, kemm il-perit legali, li semghet il-provi hi *viva voce* (hlief fejn tressqu affidavits), u kif ukoll l-ewwel Qorti li rrivediet l-analizi li kien sar tal-provi mill-perit legali, qablu li ghall-firda kien jahti biss ir-ragel. Din il-Qorti, kif hu mistenni minnha, regghet hi wkoll, ghat-tielet darba, qrat u fliet il-provi li tressqu fuq din il-materja u tara li ghandha hi wkoll tikkonkludi billi titfa t-tort principali tal-firda fuq spallejn il-konvenut. Fil-fatt, dan tal-ahhar jammetti li tul l-ewwel snin ta’ hajja mizzewwga, hu kien kuntent u ma kienx jara problemi fiz-zwieg. Dan, pero`, kien jigri ghax il-mara ghamlet l-almu taghha biex tmexxi l-familja ’l quddiem skont l-ahjar hila taghha; il-fatt, pero`, li r-ragel kien ihossu komdu u moqdi fiz-zwieg, ma jfissirx li kollox kien sew fil-familja. Ir-ragel ma cahadx li kuljum hu kien johrog kmieni ghax-xoghol u jirritorna d-dar tard filghaxija, gieli anke fl-ghaxra ta’ bil-lejl, peress li wara x-xoghol kien imur jiehu hsieb xi wahda min-namriet li kellu, u cioe`, *spirit combat* u interess qawwi fi gwerrer u xwabel. Il-piz tal-familja kien jaqa’ kwazi kollu fuq il-mara, bir-ragel jghaddi l-hajja li kien jghix meta kien ghadu joqghod fid-dar tal-genituri tieghu. Ragel ta’ familja m’ghandux biss l-obbligi li jgib il-flus biex il-familja tghix komda, imma jrid <u>jippartecipa attivament</u> fl-izvilupp tal-istess.

Hu minnu li ma hux mistenni li l-koppja taghmel kollox flimkien, pero`, dak li hu essenzjali fiz-zwieg (trobbija tat-tfal u holqien ta’ ambjent familjari) jirrikjedi kollaborazzjoni mit-tnejn. L-istqarrija tieghu lejn martu, fis-sens li din kellha “mur ghamel hajtek u lili toqghodx iddejjaqni”, tindika sa mill-bidu taz-zwieg in-nuqqas ta’ impenn tieghu lejn il-familja. Ir-ragel jghid li hu ma qalx dawk il-kliem precizi u ma jridux jittiehdu barra mill-kuntest li saru, u cioe`, meta hajjar lil martu tiehu *scholarship* fil-muzika ta’ erba’ xhur gewwa l-Ingilterra. Hu veru li r-ragel, b’hekk,

wera li ma riedx ifixkel il-karriera tal-mara, pero`, meta tqis li ghal dawk l-erba’ xhur shah, ir-ragel qatt ma mar hdejn martu l-Ingilterra, avolja din kienet tghidlu biex jitla’, juri li r-ragel kien aktar mohhu f’hajtu, milli f’dik familjari. Mill-provi jirrizulta li, tul is-snin, ir-ragel ma tantx wera interess anke lejn uliedu; hu jghid li kien kuntent bl-ghaqal li l-mara kienet turi fit-trobbija tal-istess, izda ma ndenjax ruhu jippartecipa fl-izvilupp taghhom, ghalkemm kulhadd japprezza li l-interess tal-missier hu importanti daqs dak tal-omm ghall-izvilupp tat-tfal. Il-fatt li r-ragel, kif jammetti hu stess, hu “bniedem riservat” mhux, *per se*`, cirkostanza li ghandha twassal ghat-tifrik taz-zwieg, izda jekk din ir-rizerva twassal ghar-ragel johloq distakk kwazi totali mill-familja – fil-waqt li jkun *out going* mal-hbieb fin-namra tieghu – allura dan il-karattru jkun qed jaghti lok ghall-firda. L-istess meta r-ragel jghid li fil-waqt li hu veru jaghti importanza kbira lix-xoghol, dan ma jaghmlux egoist. Ix-xoghol huwa importanti u jrid jitwettaq bid-diligenza, pero`, mhux a skapitu tal-familja. Persuna li trid tmexxi l-karriera taghha akkost ta’ kollox m’ghandhiex tizzewweg jekk se taghti lill-familja l-post tal-ahhar fil-prioritajiet taghha.

Ir-ragel jipprova jsib raguni f’dak li jaghmel billi jsostni li, barra l-interess fin-namriet tieghu, hu kien jaghti kontribut lill-Knisja u lejn is-Socjeta` Kattolika, u ma kienx imur f’xi kazin jixrob il-birra. Ovvjament hemm differenzi kbar bejn iz-zewg “attivitajiet”, pero`, anke tal-ewwel ikun hazin jekk b’dan il-mod dak li jkun ikun qed jonqos mill-impenji tieghu lejn il-familja. Jekk matul il-gimgha, ir-ragel ma jersaqx lejn id-dar, m’ghandux il-Hadd jimpenja ruhu li jdoqq fil-Knisja u/jew jaghmel xoghol volontarju iehor – b’dan il-mod il-familja tkun qed tbati, ghax ir-ragel jispicca jkollu cans ghal kulhadd hlief ghaliha!

Oltre dan jirrizultaw incidenti ohra li jitfghu dell ikrah fuq ir-ragel. Il-Qorti tirreferi ghall-fatt li hu ghamel zmien jorqod b’xabla/sikkina taht l-imhadda, avolja l-mara kienet tghidlu li kienet qed tibza’; li hu tilef hafna granet tal-genituri fl-iskola tat-tfal; li ghamel allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta’ martu, bhal li jaf li daret mal-irgiel kollha tal-post fejn tahdem, inkluz l-imghallem, u li ghandu spiji jsegwu kull pass li taghmel; li kien xhih fejn jidhlu anke l-interess tat-

tfal, tant li kien jirrifjuta li, fix-xitwa, tissahhan id-dar, anke meta t-tfal kienu jkunu morda; u li kien juza kliem dispregjattiv fil-konfront tal-mara u t-tfal u jghid lill-martu li ma kienx isawwatha biss biex hi ma jkollhiex provi. Dan kollu jikkonferma dak li qalet il-perit legali dwar "il-komportament negattiv tal-attur fil-konfront tal-mara tieghu".

Ghar-rigward tal-hbiberija tal-mara mal-imsemmija Elizabeth Seguna, jirrizulta li din kibret bhala effett tal-abbandun da parti tar-ragel, u ma kienx il-kawza tal-firda. Ir-ragel jghid li sa ma kibret din il-hbiberija, il-hajja tieghu fiz-zwieg kienet tajba u kienet din il-hbiberija li holqot diversi problemi. Li l-hajja matrimonjali kienet tidher tajba kien jghodd ghalih, ghax hu kien jghix hajtu u jsib kollox lest. Il-mara spiccat tmur passiggata ma' dik il-persuna u anke telghet *weekend* Ghawdex maghha u mat-tfal, ghax ir-ragel ma kien juri ebda hegga johrog mal-familja, u anke passiggati mal-mara wahedhom kien jarahom zejda.

Cajt mill-familja tal-mara indirizzati lejn il-qosor tieghu kien ukoll iwizinhom fil-kuntest ta' ghira da parti taghhom naxxenti mill-qaghda socjali differenti bejn il-familji, u minhabba f'hekk ma kienx irnexxielu jirreintegra ruhu sew fil-familja ta' martu. Min-naha taghha, il-mara kienet accettata bil-qalb fil-familja tar-ragel, u imfahhra ghall-mod kif kienet tiehu hsieb lir-ragel u l-familja.

Kollox ma' kollox, u mehud kont ukoll ta' dak li osservat l-ewwel Qorti dwar il-komportament tar-ragel, din il-Qorti tara li ma ghandhiex ghaliex tvarja l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` ghall-firda.

Fir-rigward tal-aggravju relatat mal-kura u l-kustodja tal-minuri Peter, li giet afdata mill-ewwel Qorti lill-omm, il-missier jissottometti li din ghandha tkun wahda konguntiva. Din il-Qorti gia` esprimiet ruhha fil-passat li, fil-principju, hija kontra li jkun hemm kura u kustodja konguntiva wara s-separazzjoni, ghax, mill-esperjenza, dan l-istat iwassal ghall-aktar problemi milli jsolvi, specjalment meta, bhal f'dan il-kaz, ir-relazzjoni bejn il-genituri ma tkunx wahda kalma u bilancjata.

Il-Qorti ma tarax li ghandha tfixkel l-istat ta' fatt attwali, fejn it-tifel qed jghix ma' ommu, specjalment meta tqis li dan ma weriex ix-xewqa li jmur jghix ma' missieru. It-tifel ghandu hmistax-il sena u jinsab issettiljat ma' ommu, u din il-Qorti taqbel li din ikollha l-kura u kustodja esklussiva tieghu biex jigu evitati intoppi dwar kif u meta jkun hemm lok ghal adezzjoni tal-missier u rikorsi f'kaz ta' nuqqas ta' qbil. L-omm qed turi li ghandha l-interess tal-minuri ghal qalbha, u, almenu f'dan l-istadju il-Qorti tara li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li tafda t-trobbija tieghu f'idejn l-omm.

Il-Qorti sejra issa tittratta l-aggravju tar-ragel dwar il-manteniment ghat-tifel. L-ewwel Qorti deherilha li ma kellhiex takkorda manteniment ghall-mara, peress li din kapaci tiehu hsieb lilha nfisha. Ordnat, pero`, li r-ragel ihallas manteniment bir-rata ta' €350 fix-xahar ghall-minuri, oltre spejjez ohra marbuta mas-sahha u l-edukazzjoni tat-tifel.

Ir-ragel qed jilmenta mill-fatt li, skont il-*workings* tieghu, hu se jkollu jhallas madwar €650 fix-xahar, oltre spejjez ghal attivitajiet extra-kurrikulari li jista' jkollu l-minuri; id-dhul nett tieghu kien ta' cirka €17,000 fis-sena, jew €1,417 fix-xahar. Mehud in konsiderazzjoni l-aspetti kollha tal-kaz, din il-Qorti ma tarax li dak li ordnat il-Qorti ghat-tlett snin li gejjin huwa esagerat. Huwa d-dmir tal-genituri jaraw li, kemm jista' jkun, il-pozizzjoni socjali tal-ulied ma tinbidilx minhabba n-nuqqasijiet taghhom, u fil-waqt li l-omm sejra tikkontribwixxi l-hidma kontinwa u regolari taghha ghat-trobbija tieghu, il-missier ghandu jkompli jhallas biex jassigura li dak li kien igawdi t-tifel qabel is-separazzjoni ma jintilifx. L-allegazzjoni tal-missier li hu kien ihallas hafna biex imantni lit-tlett uliedu meta kollha kienu ghadhom minorenni, mhux rilevanti ghal din il-materja li tolqot biss il-pagamenti futuri li l-missier irid jaghmel ghat-trobbija ta' ibnu minuri. Il-fatt li qed jghin lil bintu, li ghandha l-eta` taghha, tkompli bl-istudji taghha, huwa tajjeb, pero`, dak li qed jaghmel ma' wahda minn uliedu ma ghandux jingieb bhala skuza biex dak li jkun jonqos mid-doveri tieghu lejn ibnu l-iehor.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti ddeterminat il-manteniment pagabbli mill-missier ghall-minuri, u ma hi se tibdel xejn fir-rigward.

Din il-Qorti issa sejra titratta l-aggravju tar-ragel relatat mad-dar matrimonjali. Ir-ragel jghid li din hi tieghu, izda l-ewwel Qorti sabet li din id-dar, ghalkemm registrata fuq ir-ragel biss, tappartjeni lit-tnejn ghax inxtrat mir-ragel bhala *prestanome* tieghu u l-futura sposa tieghu. Bhala fatt, jirrizulta li r-ragel iffirma l-konvenju ghall-akkwist tal-art fit-8 ta’ April, 1986, filwaqt li l-kuntratt gie ffirmat u ppubblikat f’Gunju tal-istess sena. Il-partijiet tgharrsu f’Ottubru tal-1988 u zzewwgu fil-11 ta’ Gunju, 1989.

Id-duttrina ilha tqis il-*prestanome* bhala mandatarju, u li japplikaw ir-regoli tal-mandat, l-izjed fir-relazzjonijiet bejnu u l-mandant. Kemm hu hekk, huwa biss f’ghajnejn it-terzi persuni li din ir-rapprezentanza ma tidhirx (billi l-mandatarju ma jiddikkjarax li qieghed jidher f’isem il-mandant tieghu), u ghalhekk tissejjah rapprezentanza indiretta;

Illi l-bazi tar-rapprezentanza indiretta tingharaf minn dik diretta fejn il-mandatarju fid-dieher juri li jkun dahal ghal negozju ma’ haddiehor f’isem u fl-interess ta’ min ikun hatru. Ghalhekk huwa mghallem li “*Mentre, nel caso della rapprezentanza diretta, gli effetti del negozio si producono immediatamente e direttamente nella sfera del rappresentato (e` come se il negozio fosse compiuto direttamente dal rappresentato: percio` il rappresentante si chiama alter ego del rappresentato); nella rappresentanza indiretta, invece, chi fa la dichiarazione acquista i diritti e diventa correlativamente soggetto degli obbligi nascenti dal negozio, ed occorrera` un altro negozio, perche` gli effetti dell’atto si trasmettano nel patrimonio della persona nel cui interesse ha agito. La rappresentanza indiretta ha, percio`, l’inconveniente di richiedere due negozi. E poiche` il rappresentante indiretto non spende il nome di colui nel cui interesse compie l’atto, ma adopera il proprio nome, egli nella pratica si chiama ‘prestanome’. … Il compimento dell’ulteriore negozio, che serve per trasferire diritti ed*

*obblighi a colui nel cui interesse la persona che ha fatto la dichiarazione ha agito, costituisce un'obbligazione per il rappresentante indiretto",* Torrente, "Manuale di Diritto Privato" (9˚Ediz. 1975 pagna 214 u 551).

Illi l-ligi taghna taghraf u taghti sahha lil dik ic-cirkostanza fejn, minkejja dak li jipprovdi l-Artikolu 999(1) tal-Kodici Civili u ghaliex jipprevalu r-regoli specjali tal-kuntratt tal-mandat, persuna tidher fuq att pubbliku u tikseb gid taht isimha imma fl-interess ta' min ikun hatarha taghmel hekk;

Huwa stabbilit li, biex jinghata mandat bhal dan, m'hemmx ghalfejn li jkun bil-miktub u l-ligi specjali li thares dan il-kuntratt dan tghidu car, b'mod li lanqas ma hija mehtiega l-kitba biex persuna tahtar lil persuna ohra biex tikseb gid immobbli f'isimha. Jehtieg, madankollu, li l-mandat ikun wiehed espress u mhux biss implicitu. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba f'hatra bhal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piz li jippruvah kif imiss, u din il-prova trid tkun tajba bizzejjed biex toqghod ghall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawza ta' natura civili;

Fil-kawza **Maria Calleja nomine v. Paolo Deguara** deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1930 (**Vol. XXVII.i.620**), gie osservat: "*nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell' atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse*". Fir-rigward tal-kuncett ta' *prestanome* dan gie spjegat b'mod konciz u car minn din il-Qorti fis-sentenza **Professur Anthony Mamo nomine v. Charles Sant Fournier** tat-2 ta' Mejju 1957:- "*Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jezercita drittijiet ta' proprjetarju mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirenti, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni*

*palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn iil-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant*".

Ma hemmx dubju fil-kaz li l-mara, anke qabel iz-zwieg, hallset b'mod regolari nofs is-self li r-ragel kien ha ghall-akkwist tal-art u l-bini tad-dar, u hallset ukoll ghal diversi xoghlijiet li saru fid-dar. Ir-ragel mhux qed jichad dan u jaqbel li ghandu jirrifondi lill-mara l-flus li harget hi ghall-akkwist tal-art u l-bini tad-dar (total ta' €17,639). Il-mara, pero`, tinsisti li l-ftehim kien li d-dar tkun tat-tnejn flimkien.

Din il-materja tikkostitwixxi s-suggett tal-vertenza principali bejn il-partijiet, u ghal din il-Qorti il-kompitu hu aktar difficli ghax filwaqt li l-perit legali osservat li d-dar hija proprjeta` parafernali tar-ragel, l-ewwel Qorti ma qablitx u kkonkludiet li l-istess tappartjeni lit-tnejn f'ishma ndaqs.

Din il-Qorti tistqarr li hi sabitha difficli tittratta dan il-punt izda wara li gharblet sew il-provi prodotti tara li bir-rispett kollu, ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Hu veru li meta l-partijiet iddecidew li jizzewwgu, il-hsieb kien li jixtru dar flimkien wara li jmorru flimkien il-bank biex jiehdu self. Meta, pero`, missier ir-ragel identifika l-art is-Swieqi u hi accettat li fuq l-art tinbena l-futura dar matrimonjali taghhom, ma baqghetx tinsisti li hi tippartecipa b'mod attiv fil-finanzjament tal-istess. Ir-ragel qalilha li hu u missieru kienu se jiehdu hsieb kollox u lanqas kellhom bzonn imorru l-bank ghal finanzjament, ghax kumpanija ta' missieru kienet se tiehu hsieb dan. Il-mara afdatu u halliet f'idejh biex jixtri l-art ghat-tnejn. Altru, pero`, li tafdah li dak li se jsir ikun ghat-tgawdija tat-tnejn, u altru li tghid li l-ftehim kien li l-art tkun tat-tnejn. Hi tghid li l-ftehim kien li l-proprjeta` tinxtara mit-tnejn, pero`, allura ma tinsistix li jkollha xi haga fuq isimha, jew li almenu tkun prezenti ghall-pubblikazzjoni tal-att?! Li l-art u d-dar li kellha tinbena fuqha kellhom iservu bhala sit ghar-residenza tal-familja kien gie miftiehem, pero`, ma jirrizultax b'mod car li l-mara kellha tkun ko-proprjetarja wkoll. Id-dar kellha tkun "ghalihom", pero`, dan ma jfissirx

li kellha tkun taghhom. Kif intqal, il-ftehim irid ikun espress u mhux implicitu, u li jirrizulta mill-provi hu li r-ragel kellu jiehu hsieb jixtri l-art u jibni d-dar ghalihom it-tnejn, mhux li hu jakkwista d-dar ghalihom. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-mara, li tigi minn familja ben istruwita, milli tidher hi wkoll fuq il-kuntratt ta' self u akkwist, u jekk kienet se thalli f'idejn ir-ragel, kellha tal-anqas taghmel il-hsieb taghha car. Ghalhekk, din il-Qorti tara li ghandha taqbel mal-perit legali fejn osservat

"… … … *Il-konvenuta issemmi ftehim verbali li sar bejna u bejn l-attur sabiex jixtru l-art flimkien pero` Philip Galea ma jaghmilx referenza ghal xi ftehim simili. U fil-fatt ikkombina s-self u deher fuq il-kuntratt wahdu. Ma jidhirx li kellu xi intenzjoni cara biex il-konvenuta tidhol bhala ko-proprjetarja tal-art, wisq inqas li jagixxi bhala xi prestanome b'mandat tacitu mill-konvenuta…*

*"… … … Jigi konkluz li tkun interpretazzjoni pjuttost perikoluza jekk persuna bil-kapacita` legali li tikkuntratta taghzel jew taccetta li ma tkunx parti ghall-kuntratt u ma jezistux fatturi esterni li jimpedu tali dehra fuq il-kuntratt u xorta tibqa' titqies bhala parti ghal kuntratt.*

Hu veru li l-mara ghamlet pagamenti akkont tas-self li ha r-ragel ghall-akkwist tal-art u l-bini tad-dar, pero`, apparti l-fatt li dan beda jsir tlettax-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-att, dan sar ghax id-dar kellha tkun dik matrimonjali, u mhux neccessarjament ghax kienet tat-tnejn. Kien f'dan is-sens li r-ragel stqarr ma' martu li missieru "hafrilna" d-dejn. Li titlob lil xi hadd jaqsam mieghek il-piz ghal akkwist ta' oggett li l-uzu tieghu se jkun komuni ma jwassalx, wahdu, ghall-konkluzjoni li dak l-oggett kellu jkun tat-tnejn.

Il-mara u l-genituri taghha kienu jafu x'jigri, jekk ir-ragel jithalla jidher wahdu fuq l-att tal-akkwist izda fl-ebda stadju ma nsistew biex jippartecipaw fl-akkwist tal-art. Accettaw li r-ragel kien se jahseb ghad-dar tal-familja futura, u li d-dar kienet tehtieg *input* miz-zewg partijiet biex tigi mghammra kif xtaqu, pero`, qatt ma nsistew li jkollhom sehem mid-dar. Il-fatt li r-ragel kien izomm notamenti tal-flus li tkun harget il-mara juri li, f'mohhu, tal-anqas, id-dar

kienet kollha tieghu, ghax kieku kienu koproprjetarji ma jkunx hemm bzonn li jinzamm tali notamenti – u dan il-mara suppost kienet tafu! Kull ftehim irid il-kunsens taz-zewg partijiet, u ma jidhirx li, f'dan il-kaz, kien hemm l-*idem placitum consensus* fuq ftehim kif tallega l-mara. Jista' jkun li r-ragel, gwidat minn missieru, kien aktar makakk mill-mara, pero`, dan ma jwassalx ghall-holqien ta' mandat kif trid il-ligi u l-gurisprudenza.

Jekk id-dar matrimonjali hi beni parafernali tar-ragel, jibqa' l-fatt li l-mara ghandha kreditu favur taghha ghar-rigward tal-flejjes li nefqet hi ghall-istess dar - €17,639.

Din il-Qorti, tikkonsidra, pero`, li l-kontribuzzjoni tal-mara lejn id-dar ma jikkonsistix biss f'dawn il-flejjes. Bil-hidma taghha tul is-snin hi indokrat u zammet id-dar fl-istat li hi, u ghalkemm anke r-ragel ikkontribwixxa ghal dan, din il-kontribuzzjoni tal-mara ghandha tinghatha valur, la darba d-dar sejra tibqa' tar-ragel. Meqjus li din il-kontribuzzjoni damet sejra mal-hmistax-il sena, din il-Qorti tara li l-kreditu totali favur il-mara ghandu jkun ta' €30,000 (li jinkludi l-flejjes li harget hi ghall-istess dar). Peress li jidher li l-mara ghadha qed tghix fid-dar matrimonjali, din il-Qorti sejra tordna li l-mara tohrog u tivvaka d-dar fi zmien sena millum, wara liema zmien ghandha thalli l-istess liberu u battal f'idejn ir-ragel, li ghandu, fl-istess hin, ihallasha s-somma ta' €30,000 kif fuq likwidat.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-mod ta' kif l-ewwel Qorti qassmet il-komunjoni tal-akkwisti, ir-ragel jilmenta mill-fatt li oggetti parafernali tieghu gew meqjusa bhala oggetti tal-komunjoni u soggetti ghall-qasma. Din il-Qorti, pero`, taqbel ma' dak li osservaw il-perit legali u l-ewwel Qorti fis-sens li r-ragel ma ressaq ebda prova biex isostni l-allegazzjoni tieghu. Il-ligi tipprezumi li kull ma jidhol ghand il-partijiet wara z-zwieg, jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, u min irid juri l-kontra, irid iressaq provi cari u konkludenti biex isostni dik l-allegazzjoni. La darba din il-prova ma saritx, tibqa' tregi l-prezunzjoni. Ulterjorment, jista' jinghad li kull haga li nghatat lill-partijiet in vista taz-zwieg taghhom, inkluzi l-

mobbli, kienet inghatat lill-koppja, u ghaldaqstant dawn jifformaw parti mill-proprjeta` komuni taghhom.

Dan l-aggravju qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Rigward l-aggravju marbut mal-ispejjez tal-kawza, dan se jigi in parte milqugh fid-dawl tal-konkluzjonijiet milhuqa minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Philip Galea billi tilqa' l-istess biss in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha kif u fejn iddecidiet l-ewwel, it-tieni, il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet attrici, izda tirrevokaha kif u fejn iddecidiet it-tielet u r-raba' talba attrici, u tipprovdi minflok billi tiddikjara li d-dar matrimonjali "Tal-Midra", Triq is-Swieqi, Swieqi, hija proprjeta` parafernali tal-appellant Philip Galea, u tordna lill-attrici Yvette Galea sabiex fi zmien sena millum tivvaka u tohrog mill-istess fond, u tordna lill-appellant Philip Galea biex hekk kif martu Yvette Galea tohrog mill-fond, ihallasha s-somma ta' €30,000, rapprezentanti kreditu favur taghha ghal kontribuzzjoni taghha (monetarja u fizika) lejn l-istess fond.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu zewg-terzi ($^2/_3$) mill-appellant Philip Galea u terz ($^1/_3$) mill-appellata Yvette Galea.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------